**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru: 290/2014 MLF**

**Jacqueline Ellul Thompson**

**vs**

**Vincent sive Vince Cassar**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tal-attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigu kkundannat ihallasha s-somma ta' sebghat elef tlett mija u ghaxar Ewro u sitta u erbghin centezmu (€7,310.46) rapprezentanti spejjes ta' edukazzjoni inkluz dawk ta' edukazzjoni inkluz dawk tat-trasport u tal-mizati ta l-iskola ta' uliedu minuri, Rohesia illi twieldet fit-18 ta' Novembru 1995 u ghandha 18-il sena u Jacob illi twieled fit-28 ta' Settembru 1997 u ghandu 16-il sena ghal perjodu ta' bejn 1-1 Jannar 2010 u Frar 2014, u dan skont artikolu 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat bejnu u bejn l-attrici martu fit-30 ta Awwissu 2001 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono fejn huwa obbligat illi jhallas dawn l-ispejjes. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tas- 17 ta' Frar 2014 u tal-konsulta ta' dak inhar u bl-imghax legali mid-data ta' notifika sad-data tal-pagament effettiv.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

   Illi t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi bhala punt ta' ligi l-esponenti jaghmel referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejn il-partijiet senjatament l-Artikolu 5 tal-kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Joseph Debono nhar it-tletin (30) ta' Awissu tas- sena elfejn u wiehed (2001) fejn hemm stipulat is-segwenti: "*ir-ragel jobbliga ruhu li jhallas kull spiza ta' l-edukazzjoni inkluz dawk tat-trasport u tal-mizati ta' l-iskola u eskluza s-Summer School liema spiza tithallas mil-mara.*" Illi kull kont li qatt ircieva l-esponenti dejjem hallsu u imkien martu ma hi awtorizzata li tizbanka ebda flus u titlob rifuzjoni tal-istess. Illi ghalhekk hi ma hijiex (i) la awtorizzata li tizbanka jew thallas spejjez hi u tippretendi li l-esponenti jhallasha (ii) u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti QATT ma pproduciet jew infurmat lill-esponenti b'xi hlasijiet jew kontijiet lanqas; u ghalhekk isegwi li t-talba kif imposta mir-rikorrenti ma ghandhiex bazi legali u ma tistax tintlaqa peress li l-esponenti ma huwa obbligat ihallas lir-rikorrenti xejn;

ii. Illi inoltre, l-esponenti minghajr pregudizzju ghall-premess jirrileva ukoll li jekk din l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michudha, it-talba ghall-hlas tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2157 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante d-dekors tas-sentejn;

iii. Illi inoltre, il-perjodi indikati fit-talba tar-rikorrenti huma koperti diga b'sentenza *res judicata* u ghalhekk hemm valuri li diga l-mertu taghhom gie kopert b'sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-istess ismijiet deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar nhar is-27 ta' Settembru 2012;

iv. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess, ir-rikorrenti lanqas biss prezentat ebda dokument sabiex tissostanzja jew issahah it-talba taghha, u huwa ghalhekk li l-esponenti jirriserva li jressaq dik id-difiza u eccezzjoni opportuna la tiddeciedi li tressaq dokumentazzjoni li ssahah it-talba taghha;

v. Illi l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

3. Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet u semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono tat-30 ta' Awwissu 2001, il-partijiet irregolaw is-separazzjoni personali ta' bejniethom, u fejn fost affarijiet ohra, huma qablu dwar l-ammont li kellu jithallas mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment u li *"Oltre dan ir-ragel jobbliga ruhu li jhallas kull spiza ta' l-edukazzjoni inkluz dawk tat-trasport u tal-mizati ta' l-iskola u eskluza s-Summer School liema spiza tithallas mil-mara."*[1]

ii. Fis-sena 2010 l-attrici intavolat proceduri fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fil-konfront tal-konvenut fejn talbet *"rifuzjoni ta' tlett elef, mitejn u tmienja u ghoxrin Ewro (€3,228.00c) ghal spejjes edukattivi u arretrati ta' manteniment u dana skond kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 30 ta' Awwissu 2001 fl-atti tan-Nutar Joseph Debono."* B'sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-27 ta' Settembru 2012 fl-ismijiet Jacqueline Ellul Thompson vs Vincent Cassar (Talba numru 1706/2010), il-konvenut gie kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' €2,000.[2]

iii. L-attrici xehdet li wara din is-sentenza l-konvenut kien hallasha s-somma ta' €2,000. Spjegat li hija u l-konvenut ghandhom zewg ulied minuri u li hi kienet tghaddi kopji tal-ircevuti relatati mal-ispejjez li kienet taghmel fir-rigward tal-minuri lill-konvenut, drabi minnhom kienet tatihomlu hi personalment, drabi ohra kienet ittihom lill-minuri biex jaghtuhom lill-konvenut u f'okkazzjonijiet ohra kienet ittihom liz-zija taghha Carmela Galea u din kienet tghaddihom lill-konvenut. Xehdet li l-konvenut kien jirrabja meta jara dawn l-ircevuti. Xehdet li xi drabi kienet tissellef il-flus biex tkun tista' thallas it-trasport tal-iskola tal-minuri ghaliex

[1] Ara Dok JET 1 a *fol*. 20 tal-process
[2] Ara Dok JET 2 a *fol*. 24 tal-process

kienu jecmplulha biex javzawha li jkunu baghtu l-kont lill-konvenut u li jekk ma jithallasx ma kienux ser ihallu lill-minuri juzaw it-trasport.[3]

iv. Carmela Galea xehdet li meta l-attrici kienet ikollha l-ircevuti tal-ispejjez tal-iskola gieli kienet tatihom lilha biex hi tatihom lill-konvenut. Xi drabi kienet tatihom lill-minuri biex dawn jatuhom lill-konvenut izda imbaghad bdiet tatihomlu direttament hi biex ma joqghodx jghajjat u jirrabja mal-minuri. Xehdet li kien hemm okkazzjonijiet meta l-attrici kienet titlobha thallas it-trasport tal-iskola tal-minuri ghax il-konvenut ma jkunx hallsu.[4]

v. Il-konvenut xehed li huwa sar jaf bl-ircevuti li taghhom qeghda titlob il-hlas l-attrici wara li gew ipprezentanti f'dawn il-proceduri. Qal li huwa dejjem hallas dak li kien dovut minnu minn zmien ghal zmien u li din ma kenitx l-ewwel darba li kien hemm diffikultajiet dwar il-hlasijiet bejn il-partijiet. Spjega li wara li kien gie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni personali, wiehed mill-minuri kien beda jattendi l-iskola De La Salle u li hu u l-attrici kienu ftehmu li l-ispejjez tal-edukazzjoni kellhom jinqasmu nofs kull wiehed. Xehed li hu u l-attrici ma kienux ghamlu emenda ghal kuntratt ta' separazzjoni izda l-attrici kienet tiffirma fuq l-ircevuti biex turi li dawn thallsu nofs kull wiehed skond il-ftehim il-gdid taghhom. Dwar l-ircevuti esebiti mill-attrici xehed li kien hemm minnhom jmorru lura aktar minn sentejn, ohrajn li dwarhom diga inghatat is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, ohrajn li huma doppji, ohrajn li jaghjtu lil terzi, u ohrajn li ma humiex ricevuti fiskali. Qal li meta mill-ammont pretiz mill-attrici jigu mnaqqsa l-ircevuti li huma kkontestati ghal dawn ir-ragunjiet, ghandu jirrizulta li l-ammont li ghandu jhallas hu skond il-kuntratt ta' separazzjoni jammonta ghal €1,836.43.[5]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Permezz ta' din il-kawza, l-attrici qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' €7,310.46 rapprezentanti spejjez li hija ghamlet fir-

[3] Ara x-xhieda tal-attrici a *fol.* 14 u l-kontro-ezami taghha a *fol.* 208 tal-process
[4] Ara l-affidavit ta' Carmela Galea a *fol.* 80 u l-kontro-ezami taghha a *fol.*193 tal-process
[5] Ara l-affidavit tal-konvenut a *fol.* 83 u l-kontro-ezzami tieghu a *fol.* 177 tal-process

rigward tal-edukazzjoni ta' ulied minuri tal-partijiet u dan ghall-perjodu bejn Jannar 2010 u Frar 2014.

8. Da parti tieghu il-konvenut laqa' ghat-talba tal-attrici billi bit-tieni eccezzjoni tieghu eccepixxa li t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2157 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u bit-tielet eccezzjoni eccepixxa li l-perjodi indikati fit-talba tar-rikorrenti huma koperti diga b'sentenza *res judicata.* Bl-ewwel eccezzjoni tieghu, li hija indirizzata lejn il-mertu tal-vertenza, il-konvenut ecepixxa li l-attrici mhijiex awtorizzata li thallas spejjez u tippretendi li hu jhallasha, u li l-attrici qatt ma nfurmatu bil-hlasijiet li kienet qieghda taghmel.

9. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut iddikjara li kien qieghed jirtira it-tieni eccezzjoni tieghu, u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.[6]

10. Il-Qorti tqis li huwa opportun li tibda billi tikkunsidra u tiddeciedi it-tielet eccezzjoni tal-konvenut, ghaliex jekk din l-eccezzjoni tigi milqugha ma jkunx hemm lok biex din il-Qorti tikkunsidra t-talba tal-attrici fil-mertu.

<u>*It-Tielet Eccezzjoni – Res Judicata*</u>

11. Bit-tielet eccezzjoni tieghu, l-konvenut eccepixxa illi diga' hemm decizjoni moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fis-27 ta' Settembru 2012 fl-ismijiet premessi li tifforma gudikat bejn il-kontendenti u ghalhekk, peress illi l-perjodi indikati fit-talba tal-attrici f'din il-kawza huma gja koperti b'sentenza li hija *res judicata*, t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati.

12. Il-Qorti tibda billi tqis li mill-atti processwali ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li ma gie ntavolat ebda appell mis-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fis-27 ta' Settembru 2012, u li ghalhekk dik is-sentenza tifforma gudikat bejn il-partijiet

[6] Ara wkoll il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2018 a *fol*. 242 tal-process

13. Hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna illi sabiex tirnexxi din l-eccezzjoni huwa essenzjali li s-sentenza li jkun qieghed jigi eccepit illi ddecidiet il-kwistjoni bejn il-partijiet tkun giet moghtija f'kawza bejn l-istess persuni (*aedem personae*) fuq l-istess oggett (*aedem res*) u ghall-istess kawzali (*aedem causa petendi*). Dawn it-tlett elementi huma kumulattivi u ghalhekk jekk wiehed minnhom ikun nieqes, din l-eccezzjoni ma tkunx tista' tintlaqa'.

14. Ma hemm l-ebda dubju li l-partijiet fil-kawza li kienet deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar huma l-istess partijiet fil-kawza odjerna. Konsegwentement, din il-Qorti trid tiddetermina jekk il-kawza odjerna titrattax l-istess oggett kif ukoll ghandhiex l-istess kawzali tal-kawza l-ohra deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

15. Fl-atti ta' din il-kawza l-attrici ipprezentat kopja tas-sentenza deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar minn fejn jirrizulta li fl-2010 hija intavolat proceduri (Talba numru 1706/2010) fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €3,228 "*ghal spejjes edukattivi u arretrati ta' manteniment".* Ghalkemm minn din is-sentenza ma jirrizultax il-perjodu li ghalih l-attrici kienet qeghda titlob il-hlas, il-fatt li dawk il-proceduri gew intavolati fis-sena 2010 jwassal ghal konkluzjoni logika li l-attrici ma setghetx f'dawk il-proceduri titlob ukoll hlasijiet ghas-snin sussegwenti kif effettivament qeghda taghmel permezz tal-proceduri odjerni.

16. La darba, kif jirrizulta min-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut kien qieghed jikkontesta li l-hlasijiet li l-attrici qeghda tippretendi fir-rigward tas-sena 2010 kienu diga jifformaw l-mertu tal-proceduri decizi mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, kien jispetta lilu illi jgib tali prova, haga li l-konvenut naqas milli jaghmel.

17. Huwa principju baziku fil-kamp civili li min jallega fatt ghandu l-oneru li jipprovah. Dan l-oneru jinkombi kemm fuq il-parti l-attrici li trid tipprova l-fatti li fuqhom qeghda tibbaza l-azzjoni taghha, kif ukoll fuq il-parti konvenuta li ghandha tressaq provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha, ghaliex fin-nuqqas japplika l-principju li *reus in excipiendo fit actor*. F'dan il-kaz kien jinkombi fuq il-konvenut l-obbligu li, b'mod univoku u konklussiv jipprova li fil-proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar l-attrici kienet qed titlob hlas ghall-istess ricevuti li jifformaw il-mertu tal-kawza odjerna.

Certament mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li taghmel tajjeb ghal mankanzi fil-produzzjoni tal-provi tal-partijiet.

18. Fin-nuqqas ta' tali prova, l-element tal-istess oggett necessarju sabiex tirnexxi l eccezzjoni ta' *res judicata* huwa mankanti, u ghalhekk it-tielet eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi milqugha.

*Il-Mertu*

19. Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob li l-konvenut ihallasha s-somma ta' €7,310.46 bhala spejjez ta' edukazzjoni ta' uliedhom minuri u dan skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali ffirmat bejn il-partijiet. Waqt is-seduta tal-25 ta' April 2016 id-difensur tal-attrici iddikjara li mill-ammont pretiz kellha titnaqqas is-somma ta' €68.79 stante li dan l-ammont kien gie kkalkolat darbtejn.[7]

20. Bl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut eccepixxa li l-attrici ma kinitx awtorizzata li tizbanka jew thallas spejjez u tippretendi li hu jhallasha, u li l-attrici qatt ma nfurmatu bil-hlasijiet li kienet qeghdha taghmel. Bir-raba' eccezzjoni imbaghad il-konvenut eccepixxa li mal-att promotur l-attrici ma prezentat ebda dokument sabiex tissostanzja jew issahah it-talba taghha.

21. Il-Qorti tibda billi tosserva li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija regolata mill-kuntratt datat 30 ta' Awwissu 2001 maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono. Fir-rigward tal-ispejjez marbuta mal-edukazzjoni tal-ulied minuri, il-partijiet ftehmu li l-konvenut kellu *"jhallas kull spiza ta' l-edukazzjoni inkluz dawk tat-trasport u tal-mizati ta' l-iskola u eskluza s-Summer School liema spiza tithallas mil-mara".* Dan il-kuntratt ma jipprevedix li qabel ma thallas dawn l-ispejjez ghall-edukazzjoni tal-minuri l-attrici, li bis-sahha tal-istess kuntratt giet fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri, kellha l-ewwel tinforma lill-konvenut. B'zieda ma' dan, mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-ispejjez li kienet qeghda taghmel l-attrici kienu irragonevoli jew sproporzjonati.

[7] Ara l-verbal a *fol.* 176 tal-process

22. Ghalkemm fl-affidavit tieghu l-konvenut kien iddikjara li skond hu l-ammont li kellu jhallas kien dak ta' €1,836.43,[8] fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut issottometta li l-ammont dovut minnu lill-attrici kien ta' €3,311.43.[9] Sussegwentement fid-9 ta' Novembru 2018, wara li kienu saru s-sottomissjonijiet tal-partijiet f'din il-kawza, il-konvenut kien iddepozita dan l-ammont fir-registru ta' din il-Qorti sabiex jigi zbankat mill-attrici.[10] Fir-rigward ta' dan id-depozitu l-attrici ddikjarat li kienet ser tizbanka s-somma hekk depozitata u tikkonferma dan l-izbank permezz ta' nota, li pero' mill-atti ma jirrizultax li din in-nota giet ipprezentata.[11]

23. Ghalhekk jirrizulta li d-divergenza bejn il-partijiet illum hija limitata ghas-somma ta' €3,930.24 li tirraprezenta numru ta' hlasijiet li l-konvenut qieghed jikkontesta ghal diversi ragunijiet, fosthom li l-ircevuti relattivi ghas-sena 2010 kienu koperti bil-kawza deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, li hemm ghadd ta' ircevuti li ma humiex fiskali u hemm ohrajn li huma miktubin bl-idejn, li kien hemm ricevuti rigward it-trasport li huwa kien diga hallas ghalihom, u ohrajn li kienu mahrugin f'isem terzi.

24. Fir-rigward tal-ircevuti relattivi ghas-sena 2010, il-Qorti taghmel referenza ghal kunsiderazzjonijiet maghmula aktar kmieni f'din is-sentenza fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut. Il-fatt li dawn l-ircevuti jirreferu ghas-sena 2010 ma jwassalx ghal konkluzjoni awtomatika li l-ammont pretiz mill-attrici kien gja kopert bis-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar kif jippretendi l-konvenut. L-oneru li jipprova dak minnhu allegat kien jispetta lill-konvenut u tali prova ma tirrizultax mill-atti. Certament il-fatt wahdu li t-talba quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar giet intavolata mill-attrici fis-sena 2010 ma huwiex bizzejjed biex jissostanzja din l-allegazzjoni, anke tenut kont tal-fatt li tali prova setghet facilment tingieb mill-konvenut. Minn naha l-ohra l-attrici irnexxielha tipprova li ghas-sena 2010 hija ghamlet hlasijiet fl-ammont ta' €763.10[12] u ghalhekk ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni personali ffirmat bejn il-partijiet, il-Qorti tqis li l-attrici ghandha jedd ghal dan il-hlas.

---

[8] Ara l-affidavit tal-konvenut a *fol*. 83 tal-process
[9] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut a *fol*. 226 tal-process
[10] Ara c-cedola ta' depozitu relattiva a fol. 248 tal-process
[11] Ara r-risposta datata 27 ta' Marzu 2019 a *fol*. 254 tal-process.
[12] Ara Dok JET 3 a *fol*. 29 tal-process

25. Il-konvenut jilmenta wkoll li l-attrici qeghda tippretendi hlas ghal ghadd ta' ricevuti li ma humiex fiskali u jargumenta li ghal tali raguni huwa ma ghandux jaghmel tajjeb ghal dawk il-hlasijiet. Dwar kif issehh il-prova tal-pagament, fis-sentenza fl-ismijiet **Ian Abela Fitzpatrick vs Web Trading Limited** moghtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[13] fl-24 ta' Novembru 2013 gie rietnut illi: *"... ... ghal prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta' ricevuta. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali."*

26. Il-Qorti tqis li l-fatt li uhud mir-ricevuti esebiti mill-attrici ma humiex fiskali, filwaqt li jista' jwassal ghal konsegwenzi legali fuq il-persuni li harguhom, ma jfissirx li dawk l-ircevuti ma ghandhomx valur guridiku ghal finijiet tal-kawza odjerna. L-attrici esebiet dawk l-ircevuti li gew fornuti lilha minn min provda s-servizz, u tali ricevuti jikkostitwixxu prova li s-servizz inghata u li thallas mill-attrici.

27. Il-kwistjoni jekk dawk ir-ricevuti humiex konformi mal-ligijiet fiskali hija wahda immaterjali ghal finijiet tal-kawza odjerna, li hija limitata ghal kwistjoni jekk il-konvenut ghandux ihallas *"kull spiza ta' l-edukazzjoni inkluz dawk tat-trasport u tal-mizati ta' l-iskola"* kif pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, li l-attrici rnexxielha tipprova sal-grad tal-probabbli li s-servizzi relattivi ghal dawn ir-ricevuti kien marbut mal-edukazzjoni tal-minuri, il-prezz ta' tali servizz u li s-servizz kien thallas. Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas il-valur anke ta' dawn ir-ricevuti.

28. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut jilmenta wkoll dwar ricevuti esebiti mill-attrici fir-rigward tat-trasport ta' bint il-partijiet ghas-sena skolastika 2011/2012. Hawnhekk il-konvenut qieghed jirreferi ghal zewg fatturi mahruga minn Zarb Coaches Limited, it-tnejn fl-ammont ta' €332 li ghalkemm ghandhom numru ta' referenza u data differenti, t-tnejn jirreferu ghal *"transport bill for the whole scholastic year 2011/2012"*.[14] Il-Qorti tqis li l-attrici naqset milli tispjega ghaliex inhargu zewg fatturi

[13] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[14] Ara l-fatturi a *fol*. 38 u *fol*. 60 tal-process

ghall-istess sena skolastika u lanqas ipproduciet bhala xhud rapprezentant tal-kumpanija li harget dawn il-fatturi sabiex jaghti spjegazzjoni ghal dan il-fatt. Ghalhekk l-ilment tal-konvenut fir-rigward ta' wahda minn dawn il-fatturi ser jigi milqugh u mill-ammont pretiz mill-attrici ser tigi mnaqqsa s-somma ta' €332.

29. Minn naha l-ohra, l-Qorti tqis li s-sottomissjoni li ghamel il-konvenut li huwa kien diga hallas ghal dan is-servizz permezz ta' trasferiment bankarju dirett ma hijiex sopportata mill-provi prodotti. Din hija sottomissjoni li l-konvenut ghamel biss fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, izda l-Qorti tosserva li dwar dan il-konvenut ma kien semma xejn fix-xhieda tieghu u lanqas ma giet prodotta prova dokumentarja f'dan is-sens.

30. Fir-rigward imbaghad tal-ilment tal-konvenut li hemm ricevuta mahruga fuq isem terzi,[15] il-Qorti tqis li anke f'dan ir-rigward l-ilment tal-konvenut jirrizulta li huwa gustifikat u dan in vista tal-fatt li l-attrici naqset milli tispjega ghaliex hija kienet qeghda titlob hlas ta' ricevuta li fuqha ma jirrizultawx id-dettalji taghha jew ta' ulied il-partijiet. Ghalkemm il-valur fuq din l-ircevuta huwa indikat fil-lira sterlina, jirrizulta li fil-konteggi li ghamlet l-attrici dan il-valur inbidel ghal euro fl-istess ammont. Ghalhekk mill-ammont pretiz mill-attrici ser tigi mnaqqsa wkoll is-somma ta' €18.05.

31. Finalment il-konvenut jikkontendi li huwa ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza stante li huwa sar jaf b'dawn ir-ricevuti wara li kienu gew intavolati dawn il-proceduri u kien biss fil-mori tal-kawza li huwa inghata kopja taghhom. Lil hinn mill-fatt li din il-verzjoni tal-konvenut hija kontradetta mill-attrici u minn Carmela Galea, iz-zija tal-attrici, li xehedet li kien hemm drabi fejn hija kienet tghaddi lill-konvenut ir-ricevuti li kienet ittiha l-attrici, il-Qorti tqis li l-kontestazzjoni tal-konvenut ma spiccatx wara li gew esebiti kopji ta' dawn ir-ricevuti fil-mori tal-proceduri. Il-konvenut baqa' jikkontesta dawn l-ircevuti sal-ahhar tal-proceduri, u ghalhekk huwa ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-kawza bil-mod li ser jigi indikat fil-parti dispositiva tas-sentenza.

[15] Ara r-ricevuta a *fol*. 53 tal-process

**Konkluzjoni**

32. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezjoni tal-konvenut stante li din giet irtirata;

2. Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut;

3. Tichad l-eccezzjonijiet rimanenti tal-konvenut;

4. Tilqa' limitatament it-talba tal-attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' sitt elef u tminn mija u wiehed u disghin euro u tnejn u sittin centezmu (€6,891.62), bl-imghax mil-lum sad-data tal-pagament effettiv;

33. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**